II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1350

tad-29 ta' Lulju 2022

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), u l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'ċirkostanzi li jeħtieġu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta lejn pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet ser jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jitlob li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(2) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

(3) Jenħtieġ li dawk in-negozjati jibnu fuq l-abbozz ta' ftehim dwar l-istatus inizjalat fl-2018 mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-qafas legali introdotti bir-Regolament (UE) 2019/1896, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data, il-privileġġi u l-immunitajiet u l-prevenzjoni tal-frodi, kif ukoll il-bidliet li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Prespa ([2]). Il-ftehim dwar l-istatus jenħtieġ li jiġi abbozzat f'żewġ kopji fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fil-lingwa tal-Maċedonja, bit-testi kollha ugwalment awtentiċi.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([3]). Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

([2]) Ftehim Finali għas-soluzzjoni tad-differenzi kif deskritt fir-Riżoluzzjonijiet 817 (1993) u 845 (1993) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, it-tmiem tal-Ftehim Interim tal-1995, u l-istabbiliment ta' sħubija strateġika bejn il-Partijiet.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet *tal-acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, għall-ftehim dwar l-istatus mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitmexxew fuq il-bażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni u f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK